



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7462/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0046 (NLE)

MAR 55

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll mill-Istat tal-port, matul il-perijodu 2020-2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni,
fil-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi
dwar il-kontroll mill-Istat tal-port, matul il-perijodu 2020-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi r-reġim legali tal-Unjoni dwar il-kontroll mill-Istat tal-port, filwaqt li tiffformula mill-ġdid u ssaħħa il-leġislazzjoni preċedenti tal-Unjoni li ilha fis-seħħ f'dan il-qasam mill-1995. Ir-reġim legali tal-Unjoni dwar il-kontroll mill-Istat tal-port huwa bbażat fuq il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (il-"MtQ ta' Pariġi"), li ġie ffirmat f'Pariġi fis-26 ta' Jannar 1982.
- (2) Fir-rigward tal-Istati Membri tal-Unjoni, id-Direttiva 2009/16/KE ġġib b'mod effettiv il-proċeduri, l-istrumenti u l-attivitajiet tal-MtQ ta' Pariġi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Bis-saħħa ta' dik id-Direttiva, ċerti deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port stabbilit taħt it-Taqsima 7 tal-MtQ ta' Pariġi ("PSCC") isiru vinkolanti għall-Istati Membri tal-Unjoni.
- (3) Il-PSCC jiltaqa' kull sena. Matul id-deliberazzjonijiet tiegħu jiddeċiedi dwar ċerti kwistjonijiet li jkollhom effetti legali.
- (4) Skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim, meta dak il-korp jiġi biex jadotta atti li jkollhom effetti legali, għandha tiġi adottata permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni.

¹ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

- (5) Ir-regoli interni tal-MtQ ta' Pariġi jagħmluha diffiċli li tiġi stabbilita pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE b'mod f'waqtu għal kull laqgħa annwali tal-PSCC. Għalhekk ikun effiċjenti li tali pożizzjoni tiġi stabbilita fuq bażi multiannwali u li tkun tikkonsisti minn prinċipji gwida u orjentazzjonijiet, flimkien ma' qafas għall-ispeċifikazzjonijiet tagħha minn sena għall-oħra. Barra minn hekk, ħafna mis-suġġetti li jiġu diskussi fil-laqgħat annwali tal-PSCC jikkonċernaw kwistjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port li ġeneralment huma koperti minn att legali uniku tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/16/KE. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi partikolari li japplikaw għall-MtQ ta' Pariġi, huwa possibbli li tiġi stabbilita pożizzjoni ġenerali li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal diversi laqgħat tal-PSCC.
- (6) L-Unjoni mhijiex parti kontraenti tal-MtQ ta' Pariġi. Huwa għalhekk neċessarju li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jaġixxu f'konformità mal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni u biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu bid-deċizzjonijiet meħuda mill-PSCC.
- (7) Id-diskussjonijiet tekniċi u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi membri tal-MtQ ta' Pariġi fi ħdan il-PSCC huma ta' importanza kbira biex jiġu żgurati l-effettività u l-funzjonament tajjeb tal-MtQ ta' Pariġi.
- (8) Jenħtieġ li din id-Deċizzjoni tkopri l-perijodu mill-2020 sal-2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fi ħdan il-laqgħat annwali tal-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port ("PSCC") tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (il-"MtQ ta' Pariġi") matul il-perijodu 2020-2024, meta l-PSCC jintalab tadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali, għandha tkun f'konformità mal-prinċipji gwida u l-orjentazzjonijiet dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fi ħdan il-PSCC¹.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjonijiet minn sena għal sena tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fi ħdan il-laqgħat annwali tal-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi, matul il-perijodu 2020-2024, għandha tiġi stabbilita f'konformità mar-regoli proċedurali li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet minn sena għal sena tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fi ħdan il-PSCC².

¹ Ara d-dok. ST 7465/20, il-punt I, fuq is-sitweb <http://register.consilium.europa.eu>.

² Ara d-dok. ST 7465/20, il-punt II, fuq is-sitweb <http://register.consilium.europa.eu>.

Artikolu 3

L-Istati Membri li huma marbuta mill-MtQ ta' Pariġi għandhom jaġixxu skont il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni kif imsemmi fl-Artikoli 1 u 2, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
